# Bidu tal-Proċess tal-Beatifikazzjoni ta' Patri Bartilmew Fanti Marija Xiberta, Karmelitan

## *Devot kbir tal-Madonna, tal-Libsa Mirakoluża tagħHa u tal-Labtu tal-Karmnu*



### Il-Ħajja Tiegħu

Patri Xiberta twieled fl-4 ta' April tas-sena 1897, f'Santa Coloma de Farnes, belt ta' madwar 4,000 ruħ fil-Provinċja ta' Gerona, fil-Katalunja, Spanja. Kien is-seba' wieħed fost għaxar aħwa. Fil-magħmudija semmewh Baudilio.

Bi privileġġ speċjali, skond dak iż-żmien, huwa għamel l-ewwel tqarbina meta kellu 10 snin, f'Mejju ta' l-1907. F'Settembru ta' l-istess sena daħal fis-seminarju minuri tal-Patrijiet Karmelitani f'Olot. Fl-1910, dan is-seminarju kien meħud f'Onda, u hawn fid-29 ta' Settembru 1912, huwa libes it-tonka tal-Patrijiet tal-Karmnu u ġie mogħti l-isem ta' Bartilmew Fanti.

Patri Xiberta għamel il-professjoni sempliċi fl-1 ta' Ottubru tas-sena 1913, u dik Solenni fit-2 ta' Frar 1917. Wara l-istudju tal-filosofija (Onda) u tat-teoloġija (Caudete), huwa kien mibgħut Ruma, fejn wasal fit-22 ta' Novembru 1919 u sar saċerdot fl-20 ta' Diċembru ta' l-istess sena, fil-Bażilika ta' San Ġwann Lateran.

F'April tas-sena 1920 ħa d-Dottorat fit-Teoloġija (cum laude) u s-sena ta' wara sar Majjistru fl-Università Gregorjana. Huwa ddefenda t-teżi tiegħu *Clavis Ecclesiae* (*L-Imfietaħ tal-Knisja*) bl-unuri.

Mis-sena 1921 sas-sena 1937 Patri Xiberta kien Professur fil-Kulleġġ Internazzjonali ta' l-Ordni Karmelitan f'Ruma, San Albert. Mis-sena 1931 sas-sena 1937, u mis-sena 1947 sa l-1965, kien Assistent Ġenerali tal-Lingwa Spanjola u ta' Pernambuco (Brażil).

Fid-9 ta' April 1964 Patri Xiberta marad. Fil-25 ta' Settembru huwa reġa' lura pajjiżu fejn kien miżmum bl-ikbar għożża spiritwali u mħabba minn dawk kollha li kienu jafuh.

Patri Xiberta kien kittieb mill-aħjar. Fost l-opri l-aktar magħrufa kienu:

- *L-Imfietaħ tal-Knisja*
- *It-Tagħlim ta' Ġesù Kristu*
- *Introductio in sacram Theologiam*
- *Il-Jiem ta' Ġesù Kristu*
- *Enchiridion de Verbo Incarnato*
- *Il-Kittieba Skolastiċi tas-seklu XIV ta' l-Ordni Karmelitan*

Barra minn dawn dehru aktar minn 200 artiklu tiegħu f'enċiklopediji u rivisti ta' fama internazzjonali.

### Il-Mewt Tiegħu

Bil-mewt tiegħu l-Ordni Karmelitan mhux biss tilef teologu kbir u ħaddiem ħabrieki, iżda wkoll wieħed mill-aqwa studjużi u iben den. Il-Knisja tiftakar f'Patri Xiberta bħala membru tal-Kummissjoni Preparatorja u espert tal-Konċilju Ekumentiku Vatikan II, u bħala kunsultur tas-Sagra Kongregazzjoni tad-dixxiplina Sagramentali.

Bħala studjuż Patri Xiberta ħeġġeġ l-istudju xjentifiku ta' l-istorja ta' l-Ordni, li huwa kien iqis meħtieġ biex jikseb tagħrif awtentiku tat-tradizzjonijiet ta' l-Ordni. Bħala dixxiplu tal-Kardinal Ehrle, u għat-talba tiegħu, Patri Xiberta għamel studju speċjali ta' l-Iskolastiċi Karmelitani ta' l-aħħar età medja, u dan l-istudju kellu influwenza kbira fl-istudju kritiku ta' l-istorja ta' l-Ordni.

Bħala teologu fetaħ orizzonti ġodda rigward is-Sagramenti fil-Knisja bit-tesi *L-Imfietaħ tal-Knisja*. F'ittra personali, li Karl Rahner bagħatlu matul il-Konċilju Ekumeniku Vatikan II, faħħru għal din it-teżi.

Ma ħadimx biss fil-kamp xjentifiku, iżda wkoll ħadem kemm felaħ biex jgħolli l-livell spiritwali u reliġjuż tas-sorijiet u patrijiet Karmelitani. Ta' spiss kien jivjaġġa, dejjem terza klassi, għax kif kien jgħid hu stess, ma kienx hemm klassi agħar, u kien jgħaddi l-Ħdud u l-vaganzi f'dan ix-xogħol.

Fid-9 ta' Marzu 1998 fil-Palazz ta' l-Arċisqof ta' Barcellona beda l-proċess tal-kanonizzazzjoni ta' Patri Bartilmew Maria Xiberta, Karmelitan mill-Provinċja ta' Katalunja, li miet mhux biss b'fama ta' Teologu u Storiku



kbir, iżda wkoll difensur kbir fi ħdan l-Ordni u fil-Knisja.

Madwar seba' snin ilu f'Barcellona, kif ukoll f'art twelidu (Santa Coloma de Farners), Spanja, ġie ċċelebrat għeluq il-100 sena minn twelidu b'festi kbar. Fis-sena 1998, wara żmien ta' tama, l-Ordni tal-Karmnu jħoss li għandu jippremja l-isforz tiegħu billi joħroġ fid-deher il-fama tal-qdusija tiegħu. Miet fis-26 ta' Lulju 1964, wara attakk ta' trombożi ċerebrali li ħallietu prattikament ipparalizzat.

Il-fama ta' Patri Xiberta kif kienu jsejħulu ħutu fil-Karmelu bi ħlewwa liema bħala wasslet persuni distinti u importanti tal-gerarkija tal-Knisja biex iqisuh bħala studjuż kbir u fuq kollox, Teologu kbir. Għalkemm kien bniedem għaref kienet tilma fih il-virtù ta' l-umiltà. Kien dejjem lest bħal Kristu biex jaqdi u mhux biex ikun moqdi. F'ħajtu fittex biss li jagħmel ir-rieda ta' Alla, li kienet tirrifletti, tilma fil-ħajja reliġjuża tiegħu. Tabilħaqq kien jgħix kliem il-Mulej: *Imitaw lili għax jien ta' qalb ħelwa u umli.* Kienet tispikka fih l-edukazzjoni tal-qalb. Kien ħelu fi kliemu u fl-imġiba tiegħu ma' kulħadd. Jalla dawn il-virtujiet iwassluh għall-beatifikazzjoni!

Meta kien kunsillier ġenerali ta' l-Ordni f'Ruma ma tkabbarx, iżda kien bniedem li jgħix ħajja sempliċi u qalbu tfur bl-imħabba. *L-inkarnazzjoni ta' Kristu u l-ekkleżjoloġija tiegħu*, it-tnejn b'raġunament purament skolastiku, juruh bħala persuna mimlija b'Alla. Spikkat ħafna l-parteċipazzjoni tiegħu – bħala espert tal-Veskovat Spanjol – fil-Konċilju Vatikan II.

Il-Karmelitani ta' Katalunja – u magħhom ħutu kollha ta' l-Ordni li kienu jafuh u li kien għażiż għalihom, ilkoll flimkien għexu jum ta' ferħ u hena f'Alla meta t-tribunal iddeċieda u ħa l-ġurament u ta bidu għall-proċess wisq mistenni. Jalla fi żmien qrib narawh imgħolli għall-qima ta' l-altari fil-Knisja Universali.

Imbagħad saret laqgħa presjeduta minn Mons. Pere Tena. Preżenti għal-laqgħa kienu l-membri tat-tribunal tal-proċess: P. Felipe Amenos, postulatur ġenerali ta' l-Ordni; P. Luis Bosch, Provinċjal ta' Katalunja, P. Josè Peralbo, Provinċjal tal-Karmelitani ta' Betica u għadd sabiħ ta' Reliġjużi Karmelitani, kif ukoll lajċi mill-parroċċi u kunventi tagħna.

**Escapulario del Carmen**, Ġunju 1998, pp.204-205. Miġjub għall-Malti minn Patri Samwel Abela, O. Carm.

**Il-Karmelu, Nru. 11**, Novembru 1967, pp. 164-165.




# Valletta St. Paul's Bar

## Snack Bar

*New Prop. Elton Spiteri & Jean Paul Camilleri*

Mediterranean Street, Valletta
Tel: 2124 8673



# Coach & Horses Pub

Valley Road, Birkirkara
Tel: 2144 0651 • Mob: 9989 1228